# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 10**

**Rikors Numru 633/22TA**

**Francis sive Frank Tartaglia (K.I. 494554M)**
**Mary Doris mart Joseph Farrugia (K.I. 682744M)**
**Carmen mart Arthur Vella (K.I. 1006045M)**
**Mary Victoria mart Louis Caruana (K.I. 503247M)**
**Salvina sive Sylvia mart Joseph Cassar (K.I. 631649M)**

**vs**

**Awtorita' tad-Djar**
**Avukat tal-Istat**
**Doris Stivala (K.I. 884051)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Francis Tartaglia u oħrajn (ir-rikorrenti) tal-24 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu premettew u talbu is-segwenti:

1. "Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond **37 gia 39, Triq Antonio Agius gia New Strweet, Floriana** li huma akkwistaw *per via di successione* mill-eredità tal-mejta ommhom ossia Emilia Tartaglia, li mietet fit-2 ta' Gunju 2003 *ab intestato,* liema certifikat qieghad jigi

hawn anness u mmarkat bhala **"Dok A**", fejn hija halliet bhala eredi lir-rikorrenti ossia uliedha bhala l-unici eredi taghha.

2. Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tat-23 ta' Awwissu 2003 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef hawn anness u mmarkat bhala **"Dok B"**, ir-rikorrenti ddikjaraw il-fond imsemmi lil Kumissarju tat-Taxxi Interni u hallsu t-taxxa relattiva provenjenti l-istess fond.

3. Illi Emilia Tartaglia akkwistat l-istess fond *per via di divisione*, b'kuntratt tal-5 ta' Novembru 1947, fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut, hawn anness u mmarkat bhala **"Dok C"**.

4. Illi l-fond imsemmi gie rekwizizzjonat mill-Housing Secretary b'ordni ta' rekwizizzjoni 10625/72 u gie allokat lil John Stivala.

5. Illi l-genituri tar-rikorrenti ghall-bidu ma accettawx il-kera minghand l-intimata u zewgha John Stivala u kienu jiddepozitaw l-istess kera fil-Qorti tal Magistrati, kif jirrezulta minn **"Dok D"** hawn anness u mmarkat.

6. Illi l-fond in kwistjoni kif inghad gie rekwizizzjonat fl-1 ta' Awwissu 1972 u derekwizizzjonat fis-7 ta' Awwissu 2019, kif jirrizulta minn "**Dok E"** u "**Dok F"** hawn annessi u mmarkati.

7. Illi wara ftit snin huma bdew jaccettaw il-kera tal-fond in kwistjoni u baqghu jaghmlu dan sal-gunata tal-lum, kif jirrizulta mill-ktieb tal-ircevuti tal-kera l-iktar recenti, annessi u mmarkat bhala "**Dok G1 – G17"**.

8. Illi ghalhekk il-kera imhallsa mill-intimata sal-31 ta' Dicembru 2009 kien ta **Lm 23** fis-sena u hu mill-1 ta' Jannar 2010 ai termini tal-Att X tat-2009 il-kera saret €185 fis-sena u baqghet tghola kull tliet snin bl-ahhar awment fl-1 ta' Jannar 2022 fl-ammont ta' **€216** fis-sena.

9. Illi bl-ordni ta' rekwizizzjoni msemmija, l-intimata Stivala u l-mejjet zewgha John Stivala, gew moghtija d-dritt li jibqghu jghixu fil-fond b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, bl-unika awment permessibbli fil-kera jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi.

10. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gie spossessati mid-dritt ta' uzu tal-proprjetà tieghu wara u ghalhekk gie assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perijodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sid.

11. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat tant li kien gie rekwizizzjonat.

12. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni ivvjolaw d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti biex b'hekk ir-rikorrenti soffra danni minhabba din il-lezjoni sa din it-tali ġurnata.

13. Illi r-rikorrenti sa llum ghadu qatt ma rcievew din il-kera gusta fis-suq.

14. Illi r-rikorrenti gew affaccjati b'din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni b'mod ingust u b'mod abbusiv tant li l-Awtorita' tad-Djar insistiet u ezigiet li tohrog din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni, u liema Ordni ta' Rekwizizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali taghhom a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghhom bhala sidien.

15. Illi l-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbli fis-sena lir-rikorrenti ta' **Lm 23** liema somma hija naturalment wahda minima hafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur kummercjali tal-fond.

16. Illi l-intimati jew min minnhom ghandhom jhallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dak impost fuqu b'din ir-rekwizizzjoni li kisret id-drittijiet taghhom kostituzzjonali taghhom kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

17. Illi ghalhekk ghad li huwa minnu li r-rikorrenti baqghu titolarji u proprjetarji tal-fond de quo, gie impost fuqhom 'landlord / tenant relationship' u fil-verita' l-agir huwa esporprjazzjoni de facto u dan ikkrea pregudizzju sproporzjonat u eccessiv fuq l-esponenti bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-Artikolu Wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea kif gia gie stabbilit fil-kawza **"Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" deciza fis-26 ta' Dicembru 2006 u "Gerald Montanaro Gauci vs MALTA" deciza fit-30 ta' Awissu 2016.**

18. Illi ghad illi l-istat ghandu margini ta' diskrezzjoni wiesgha biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, huwa ghandu pero` jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilhaq, ikun hemm proporzjon bejn il-piz li jrid ibati s-sid li fuq il-proprjeta` tieghu tohrog l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-interess ghas-socjeta` in generali u li b'din l-ingerenza sid ma jkunx assoggettat ghal *disproportionate burden.*

19. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga kellha okkazjoni tikkummenta f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat ghandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, li ndividwu jigi privat mill-uzu liberu tal-proprjeta' ghal hafna snin u fil-frattemp jircievi kera mizera, jammonta ghall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawza **"Ghigo vs Malta", deciza fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jezisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni ghaliex ir-rikorrenti gie

privat mill-proprjeta' tieghu tnejn u ghoxrin (22) sena qabel u kien jircievi hamsa u hamsin (55) Euro fis-sena bhala kera. Fil-sentenza **"Fleri Soler et vs Malta",** moghtija fl-istess data, l-istess Qorti ukoll sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

20. Illi **b'sentenza ohra deciza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-27 ta' Awwissu 2019, (Application no. 55747/16) fl-ismijiet Portanier vs Malta**, l-imsemmija Qorti ammoniet lill-Qorti Kostituzzjonali Maltija talli qieghda b'mod kontinwu u sistematika tabdika mir-responsabbilta' taghha illi tordna l-izgumbrament tal-inkwilini f'kazijiet simili ghal dak odjern, meta fl-istess nifs ssib illi hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

21. Illi sussegwentement, **il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'kaz simili ghal dak odjern Rikors Nru. 77/2015 fl-ismijiet Joseph Camilleri vs L-Avukat Generali u Sylvia u Dennis konjugi Fenech deciza fit-3 ta' Ottubru 2019** mhux talli iddikjarat li kien hemm lezjoni tal-artikolu 37 ta' Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk ordnat illi r-rikorrent jithallas s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) bhala kumpens pekunjarju u non-pekunjarju minhabba l-ksur imgarrab minnu talli laqghat it-talba tal-istess rikorrenti biex jigu zgumbrati l-intimati u kwindi jinghata pussess liberu tal-fond lir-rikorrenti u dan entro sena mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimati li jhallsu lir-rikorrenti kera ta' €300 fix-xahar mis-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.

22. Illi fil-kaz de quo certament li ma kienx hemm dan il-fair balance jew a reasonable relation of proportionality.

23. Illi in vista tal-kazistika surreferita, sahansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, certament li ma hemm ebda dubju li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza odjerna billi ssib illi r-rikorrenti nkisrilhom id-dritt fundamentali taghhom sancit bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

24. Illi ir-rikorrenti ghandhom jircievu l-kumpens tul iz-zmien li huma sofrew minhabba l-okkupazzjoni tal-intimata Stivala tul dawn l-ahhar hamsin sena stante illi huma bl-operazzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-ordni ta' rekwizzjoni nnifsu gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali taghhom sia ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, biex b'hekk huma qieghed issoffru danni minn mill-1985 'il quddiem sal-gurnata tal-lum.

25. Illi huma ghandhom jircievu d-danni kollu soffert miz-zmien imsemmi u dan anke fi zmien il-hajja tal-mejta ommhom Emilia Tartaglia, bhala eredi taghha skond sentenza deciza mill-**Qorti Kostituzzjonali**

**Rikors Nru. 161/2019/1 fl-ismijiet SAMMUT CARMEL SIVE CHARLES vs DIMECH MARIA STELLA ET**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn gie deciz illi r-rikorrenti kienu dahlu fiz-zarbun tas-succeduti taghhom fit-titolu u kellhom dritt jitolbu d-danni mill-bidu tal-lezjoni sofferta.

**GHALDAQSTANT ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati ighaliex m'ghandhiex:**

**(I)** **Tiddikjara u tiddeciedi** illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kif ukoll minhabba d-dispozzizjonijiet tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta u l-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni R/O 10625/72, u minhabba l-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni ghadhom sa llum jincidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti.

**(II)** **Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi** illi l-lokazzjoni tal-fond *39 gia 37 Triq Antonio Agius gia New Street, Floriana* proprjeta tar-rikorrenti, a favur tal-intimata Stivala tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkancellaw ghall-effetti kollha tal-ligi ir-rekwizizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa.

**(III)** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti, oltre bl-imghax legali b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.

**(IV)** **Tillikwida** l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre bl-imghax legali, ai termini tal-Ligi.

**(V)** **Tikkundanna** lill-intimati jew min minnhom jhallsu l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni."**

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tal-10 ta' Jannar 2023 li biha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament, safejn ir-rikorrenti qieghdin jilmentaw dwar l-ordni ta' Rekwiżizzjoni bin-numru 10625/72, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan peress illi skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat tal-Istat jirrapreżenta lill-Gvern biss f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Il-ħruġ ta' Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni hija materja li llum taqa' fil-kompetenza tal-Awtorita' tad-Djar u għalhekk fil-każ odjern ir-rappreżentanza tal-Gvern tispetta lill-imsemmija Awtorita'.

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti jridu jgibu prova (a) tat-titolu taghhom fuq il-propjeta' in kwistjoni u (b) tal-ftehim tal-kirja li huma qed jattakkaw b'din il-kawza. Essenzjalment ir-rikorrenti jehtieg juru li l-imharrka Doris Stivala tabilhaqq tgawdi minn kirja li tiggedded illum skont il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan qed jinghad ghaliex iz-zmien kollu li Doris Stivala u zewgha John Stivala (illum mejjet) damu jokkupaw id-dar bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni mhuwiex meqjus bhala kirja skont l-artikolu 44(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jekk wara t-tnehhija tar-rekwizizzjoni fl-2019, il-konjugi Stivala baqghu jghixu fil-fond in kwistjoni b'titolu ta' kirja, dik il-kirja, bhala wahda li saret wara l-1 ta' Gunju 1995 u ma tistax titqies li hija wahda li tinsab regolata bl-artikoli 3 sa 15 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk dan hu hekk, l-azzjoni konvenzjonali tar-rikorrenti kontra t-thaddim ta' dawn l-artikoli tal-ligi ma tistax tirnexxi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis il-kirja mertu tal-kaz odjern bhala kirja li tiggedded illum skont il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax jinstab ksur wara d-dħul tal-**Att XXIV tal-2021**.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti ma jisghux jinvokaw l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex jilmentaw dwar għemil magħmul taħt il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-liġijiet ladarba kienu fis-seħħ qabel l-1962 jinsabu mħarsa bl-Artikolu 47(9) tal- Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, "Ebda ħaġa fl-Artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih

qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)".

6. Illi r-rikorrenti lanqas ma jistghu jinvokaw l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-30 ta' t'April 1987. Dan qed jingħad għaliex skont l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin.

7. Illi bla hsara ghall-premess sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jattakkaw id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 16 u 69 tal-Ligijiet ta' Malta mill-lenti tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent iwiegeb li skont il-proviso ta' dan l-artikolu partikolari l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skont l-interess generali. F'dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesa sabiex jiddentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-interess generali.

8. Illi l-Kap.16 u Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom (a) ghan legittimu ghax johorgu mill-ligi, (b) huma fl-interess generali ghax huma mahsuba biex jipprotegu persuni milli jigu mkeccija mid-dar tal-abitazzjoni taghhom u (c) jzommu bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod generali;

9. Illi dwar l-ilmet marbut mal-ammont tal-kera, jinghad li l-artikolu 1531C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi mekkanizmu xieraq ta' kumpens.

10. Illi ghalhekk meta wiehed jizen dan kollu, il-konkluzjoni hija li anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita' mhuwiex gustifikat ghaliex ma hemm l-ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana li kull talba marbta ma' dan l-artikolu misthoqqha.

11. Illi inoltre u b'referenza tat-tielet talba tar-rikorrenti, jigi ecceppit li f'kull kaz ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu kumpens u danni bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors u dan peress li bhala principju generali, l-imghax jibda jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun likwidat;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tad-Djar (l-intimata Awtorita') tat-13 ta' Jannar 2023 li biha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament, safejn ir-rikorrenti qieghdin jilmentaw dwar l-ordni ta' Rekwiżizzjoni bin-numru 10625/72, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan peress illi skond l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern biss f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Il-ħruġ ta' Ordnijiet ta' Rekwiżizzjoni hija materja li llum taqa' fil-kompetenza tal-Awtorita' tad-Djar u għalhekk fil-każ odjern ir-rappreżentanza tal-Gvern tispetta lill-imsemmija Awtorita'.

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti jridu jgibu prova (a) tat-titolu taghhom fuq il-propjeta' in kwistjoni u (b) tal-ftehim tal-kirja li huma qed jattakkaw b'din il-kawza. Essenzjalment ir-rikorrenti jehtieg juru li l-imharrka Doris Stivala tabilhaqq tgawdi minn kirja li tiggedded illum skont il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan qed jinghad ghaliex iz-zmien kollu li Doris Stivala u zewgha John Stivala (illum mejjet) damu jokkupaw id-dar bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni mhuwiex meqjus bhala kirja skont l-artikolu 44(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jekk wara t-tnehhija tar-rekwizizzjoni fl-2019, il-konjugi Stivala baqghu jghixu fil-fond in kwistjoni b'titolu ta' kirja, dik il-kirja, bhala wahda li saret wara l-1 ta' Gunju 1995 u ma tistax titqies li hija wahda li tinsab regolata bl-artikoli 3 sa 15 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk dan hu hekk, l-azzjoni konvenzjonali tar-rikorrenti kontra t-thaddim ta' dawn l-artikoli tal-ligi ma tistax tirnexxi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis il-kirja mertu tal-kaz odjern bhala kirja li tiggedded illum skont il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jistax jinstab ksur wara d-dħul tal-**Att XXIV tal-2021**.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;

5. Illi r-rikorrenti ma jisghux jinvokaw l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex jilmentaw dwar għemil magħmul taħt il-Kap. 125 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew taħt il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn il-liġijiet ladarba kienu fis-seħħ qabel l-1962 jinsabu mħarsa bl-Artikolu 47(9) tal- Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, "Ebda ħaġa fl-Artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih

qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)".

6. Illi r-rikorrenti lanqas ma jistghu jinvokaw l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-30 ta' t'April 1987. Dan qed jingħad għaliex skont l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin.

7. Illi bla hsara ghall-premess sa fejn ir-rikorrenti qeghdin jattakkaw id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 16 u 69 tal-Ligijiet ta' Malta mill-lenti tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent iwiegeb li skont il-proviso ta' dan l-artikolu partikolari l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' propjeta' skont l-interess generali. F'dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesa sabiex jiddentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-interess generali.

8. Illi l-Kap.16 u Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom (a) ghan legittimu ghax johorgu mill-ligi, (b) huma fl-interess generali ghax huma mahsuba biex jipprotegu persuni milli jigu mkeccija mid-dar tal-abitazzjoni taghhom u (c) jzommu bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u tal-poplu b'mod generali;

9. Illi dwar l-ilmet marbut mal-ammont tal-kera, jinghad li l-artikolu 1531C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi mekkanizmu xieraq ta' kumpens.

10. Illi ghalhekk meta wiehed jizen dan kollu, il-konkluzjoni hija li anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalita' mhuwiex gustifikat ghaliex ma hemm l-ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana li kull talba marbta ma' dan l-artikolu misthoqqha.

11. Illi inoltre u b'referenza tat-tielet talba tar-rikorrenti, jigi ecceppit li f'kull kaz ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu kumpens u danni bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors u dan peress li bhala principju generali, l-imghax jibda jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun likwidat;

12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura;

Qrat ix-xhieda imressqa;

Rat li ir-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Ir-rikorrenti huma propjetarji tal-fond 37 ġja 39, Triq Antonio Agius gja New Street, Floriana. Dan wirtuh mingħand ommhom Emilia Tartaglia u kif dettaljat fir-rikors promotur. Fuq dan il-fond inħarġet ordni ta' rekwiżizzjoni mill-intimata Awtorita' u allokatu lill-intimata Doris Stivala (l-intimata inkwilina).

**2.** Dan il-fond ġie derekwiżizzjonat fis-7 ta' Awwisu 2019 u l-awturi tar-rikorrenti anke bdew jaċċettaw il-kera u din baqgħet tkun aċċettata sal-lum.

**3.** Ir-rikorrenti qed jilmentaw li b'dak li ġara kellhom id-drittijiet fundamentali tagħhom ġew miksura għaliex ma setgħux jinkassaw kera adegwata.

**Punti ta' liġi**

**4.** Din hija azzjoni kostituzzjonali li biha r-rikorrenti qegħdin għidu li d-disposizzjonijiet tal-Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta u l-konsegwenzjali ordni tar-rekwiżizzjoni jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa mill-artikolu 37 u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni

rispettivament. Dan għiduh ukoll fir-rigward tal-Kap 60 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**5.** Din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti qed jilmentaw li l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta, Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni sanċit fl-artikolu 37 u l-Ewwel Artikolu Protokollari tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**6.** Dan għaliex il-protezzjoni mogħtijia lill-inkwilini bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija m'humiex ġusti u ma jikkreawx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwlin. Dan stante li l-kera stabbilita bid-disposizzjonijiet ta' dawn il-liġijiet hija waħda irriżorja meta komparat mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq liberu. Ir-rikorrenti jinsistu li b'dan il-mekkaniżmu previst mil-liġi huma qatt ma ser jingħataw kirja ekwa għaż-żmien li l-fond ser jibqa' f'idejn l-inkwilin, u b'hekk ir-Rikorrenti ġew u qed jiġu mċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetá tagħhom mingħajr ma jingħataw kumpens xieraq għat-teħid tal-pussess tal-istess fond.

**Konsiderazzjonijiet**

_Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni_

**7.** Il-Qrati tagħna esprimew ruħhom diverżi drabi dwar l-inapplikabilità tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għal ilmenti identiċi għal dak odjern. Il-Qorti

sejra fost oħrajn tirreferi għal dak konsidrat minn din il-Qorti diverżament presjeduta fil-kawża **Catherine armla minn Thomas Cauchi vs L-Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Jannar 2021** f'dan ir-rigward.

**8.** F'din is-sentenza jidher li għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, element siewi u ewlieni li jrid jirriżulta biex wieħed isib ksur tal-jedd imħares taħtu hu dak li t-teħid tal-pussess tal-ħaġa jkun sar b'mod obbligatorju, jiġifieri kontra r-rieda ta' sid il-ħaġa. Din il-Qorti hija tal-fehma li, skont l-aħħar tifsir li ngħata mill-Qrati tagħna dwar il-parametri li fihom jista' jirriżulta ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma huwiex aktar il-każ li wieħed iqisu biss mil-lenti dejqa tat-teħid għal kollox tal-ġid li jkun: huwa biżżejjed biex jirriżulta ksur tal-imsemmi artikolu fejn jirriżulta li jkun hemm limitazzjoni tant sostanzjali li fil-prattika tirrendihom kompletament privi mid-dritt ta' tgawdija tal-istess proprjetà (Ara ukoll **Sent Kost tal-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et**). Illi f'ċirkostanzi bħal fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, bil-bidliet li ddaħħlu fil-liġi fl-2009 (bl-Att X tal-2009) u fl-2010 (Bl-Att V tal-2010) jolqtu l-kera ta' postijiet urbani li fihom wieħed jgħix, ma jistax jingħad li s-sid ta' post bħal dak mhux f'qagħda aħjar kemm biex jerġa' jieħu lura l-post fil-każijiet xierqa u kif ukoll li jistenna li jirċievi kera miżjud kull tant żmien sakemm il-kirja tkun għadha fis-seħħ.

**9.** Madanakollu ġie meqjus li r-rimedji provduti ma humiex biżżejjed (Ara **Q.E.D.B. 15.9.2009 fil-kawża fl-ismijiet Amato Gauci vs Malta**

**(Applik. Nru. 47045/06) § 61**), u n-nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-quantum tal-kera u l-possibiltà li sid jieħu lura l-fond ma xorta ma ġietx indirizzata kif mixtieq (**Kost. 8.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Debono et vs. Avukat Ġenerali et § 31**).

**10.** Dan ifisser li t-tħaddim tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, f'dan il-każ irid jitqies fid-dawl li l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq dispożizzjonijiet ta' liġi partikolari. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li r-rabta bejn il-partijiet tirreferi għal kirja mħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962. Hekk ukoll il-Kap 125 li ġie fis seħħ fit-12 ta' Frar 1949. Dan qiegħed jingħad fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni li jgħid:

"*Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma*

*(a) żżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;*

*(b) żżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;*

*(ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew*

*(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) 1 jew paragrafu (ċ) 2 tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni*."

**11.** Ingħad li għalkemm il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien emendat b'liġijiet li daħlu fis-seħħ wara l-1962, dawn il-liġijiet ma għandhomx l-effetti msemmija fil-para. (a) sa (d) tal-artikolu 47(9), għalhekk l-Ordinanza, ukoll kif emendata, ma tintlaqatx bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (**Kost. 23.11.2020 fil-kawża fl-ismijiet Josephine Mary sive Joyce Cachia et vs Avukat tal-Istat et § 8**), kif ukoll li l-fatt li tiġdid tal-kiri favur il-kerrej isir wara l-1962 ma huwiex relevanti, għaliex ladarba seħħ bis-saħħa ta' liġi li kienet fis-seħħ qabel l-1962, huwa mħares bl-artikolu 47(9) u ma jintlaqatx bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni (**Kost. 8.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Debono et vs Avukat tal-Istat §16**).

**12.** Issa sta fejn jirrigwarda l-emendi li saru fil-liġi bl-Att X tal-2009 ma jistax jingħad li jħaddmu xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fil-proviso tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, għaliex l-effett tagħhom kien maħsub li jtejjeb il-qagħda tas-sidien ta' postijiet mikrija u mhux jagħmilhielhom agħar. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti safejn imsejjes fuq il-ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax

jintlaqa' sewwasew minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregolaw il-kirja mertu tal-każ huma mħarsin mill-Kostituzzjoni nnifisha minn dak li jipprovdi l-artikolu 47 tagħha (Ara **Kost. 10.7.2009 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dottor Rene' Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Art et; u Kost. 3.2.2012 fil-kawża fl-ismijiet Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et**). Dan jgħodd ukoll għall-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma jirrisultax li li saru emendi f'din il-liġi li jaqgħu f'xi waħda mil-kategoriji elenkati mill-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni.

**13.** Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ilment fir-rigward tal-protezzjoni li jagħti artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dan ser ikun miċħud.

*L-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.*

**14.** Ir-raġunijiet mogħtija mir-Rikorrenti in sostenn tal-vjolazzjoni protokollari reklamata minnhom, huma l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni kemm fir rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 u kif ukoll ta' Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta. Dan għaliex jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-proprjetá tas-sid li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmi artikolu protokollari. Tali nterferenza ikkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunitá u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu. Dan minħabba raġunijiet indikati mir-rikorrenti fil-premessi. Il-Qrati tagħna baqgħu isegwu din il-pożizzjoni kif adottata

mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti mill-**Qorti Ewropea kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-sentenza Margaret Caruana et -vs- L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (per Imħallef Joseph Zammit McKeon**, tat-18 ta' Marzu 2021; ara wkoll fost oħrajn **Rita Falzon -vs- Dun Saverin sive Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) (per Imħallef Francesco Depasquale), 20 ta' Ottubru 2021**).

**15.** Kwantu jirrigwarda l-Kap 125 l-Artikolu 3(1) ta'din il-liġi jagħti s-setgħa lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, illum l-awtoritá Intimata, sabiex joħroġ ordni ta' rekwiżizzjoni għal kull bini jekk jidhirlu hekk meħtieġ jew xieraq fl-interess pubbliku bil-għan li jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jistgħa jgħammar.

**16.** A tenur tas-subinċiż 4 tal-istess artikolu, ordni ta' rekwiżizzjoni "*għandu jopera u jkollu effett sħiħ kontra kulħadd u jibqa' hekk operattiv u effettiv sakemm il-bini jiġi derekwiżizzjonat*". Dan l-Att Dwar id-Djar daħal fis-seħħ fit-12 ta' Frar 1949 jiġifieri ftit tas-snin wara t-tieni gwerra dinjija meta l-ħerba li ħalliet warajha fil-qasam tad-djar, kienet għadha evidenti u jekk mhux ukoll viżibbli. Dan ġie anke rikonoxxut mill-ECHR fil-każ **ta' Anthony Aquilina -vs- Malta tal-11 ta' Diċembru 2014**. L-iskop tiegħu kien li jipprovdi biex jiżgura li jsibu fejn igħammru lin-nies mingħajr dar, biex

jiżgura tqassim xieraq ta' postijiet fejn wieħed jista' jgħammar u biex jistgħu jsiru rekwiżizzjonijiet ta' bini.

**17.** Il-Qorti qed tippuntwalizza dan il-punt storiku u soċjali għaliex liġi bħal din kienet meħtieġa fl-interess pubbliku fil-mument li saret. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel ma' dak li jikkummenta l-ex-Prim Imħallef Vincent Degaetano f'kontribuzzjoni, dwar fost oħrajn, il-liġijiet tal-kera u d-Drittijiet tal-Bniedem, intitolata f'paper intitolata **Social Rights - A Review tal-2012**:

"*The Housing Act, which was enacted by Act II of 1949, was intended to provide accommodation for those who has lost their houses as a result of enemy action during the Second World War by making available to them vacant property. Successive governments, however, found this law a convenient means to provide cheap housing instead of investing in new housing schemes*".

**18.** Mhux biss *cheap housing*, iżda l-Qorti tazzarda żżid *cheap housing at the expense of the tax payer*. Wara kollox, il-propjetarji tad-djar rekwiżizzjonati kienu u baqgħu jħallsu t-taxxa daqs ħadd ieħor, anke fil-każ tat-taxxa tas-suċċessjoni ta' din ix-xorta ta' propjeta`! Skont din il-Qorti, il-mankanza f'din il-liġi kienet, li ma kellhiex xi tip ta' *sun set clause* u kif ukoll klawsola perjodika ta' reviżjoni ċara, biex b'hekk is-sidien setgħu jitqgħedu fil-posizzjoni li jkunu jafu prevedibbilment meta ser tiġi lura għandhom il-proprjeta` jew li ta' l-inqas ikollhom moħħhom mistrieħ, li l-propjeta`

tagħhom mhux ser tkun kolpita aktar minn ordni ta' rekwiżizzjoni anke jekk mhux dekontrollata.

**19.** Din il-liġi lanqas ma kienet tipprovdi għal xi xorta ta' moniteraġġ dwar l-istat finanzjarju ta' min jitqiegħed fl-okkupazzjoni kemm sabiex tkun awmentata b'mod raġjonevoli l-kera u anke biex ikun eżaminat l-istat patrimonjali tal-okkupant tul il-kors ta' żmien ai fini ta' means testing.

**20.** Aktar minn hekk din ix-xorta ta' okkupazzjoni ingħatat protezzjoni aħjar minn dik ta' inkwilin taħt Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Għalhekk kienet ħaġa tajba, li fl-1995 din ix-xorta ta' ordni ġiet abolita bis-saħħa ta' Artikolu 21 tal-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex din il-liġi, ħamsin sena minn meta ntemmet it-Tieni Gwerra Dinjija, kienet tassew għamlet żmienha u l-iskop soċjali tagħha intlaħaq.

**21.** Il-Qorti tħares lejn din il-liġi b'aktar severita` għaliex is-sid jiġi mgħobbi b'kirja kontra r-rieda u l-kunsens tiegħu. Ma għandu ebda possibilita` ta' intervent fl-għażla tal-okkupant jew il-kundizzjonijiet tal-kirja. Tal-inqas il-kirjiet maħluqa taħt Kapitoli 158 u 69 tal-liġijiet ta' Malta xi xorta ta' kunsens oriġinali jesisti, iżda taħt din il-liġi s-sid jiġi għal kollox annullat, u kull ma jirċievi hija ittra uffiċjali mill-Awtorita` li post proprjeta` tiegħu ġie allokat lil persuna li qatt ma jkun ra u l-anqas iltaqa' magħha. Fi żmien 30 ġurnata kellu d-dritt li jikkontesta l-allokazzjoni quddiem dawn il-Qrati fejn dejjem kien isib ħajt ma' wiċċu kif jixhdu is-Sentenzi ta' dawn il-Qrati. Kważi

kważi ċirkostanzi fejn seta' jikkontesta ordni ta' rekwiżizzjoni kienu effettivament ineżistenti. Id-dritt ta' kontestazzjoni kien biss tejoretiku.

**22.** Din il-liġi saħansitra ċċaħħad id-dritt tas-sid li jagħti dan il-fond lill-uliedu tant hu hekk li subartiklu 8(3) il-liġi tipprovdi hekk: "*Il-qorti ma tagħtix l-awtorizzazzjoni sabiex ma jsirx skont it-talba imsemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan kemm-il darba ir-rikorrent ma jurix b'sodisfazzjon tal-qorti illi jekk huwa joqgħod għal dik it-talba huwa jbati konsegwenzi ħorox: Iżda d-dikjarazzjoni illi r-rekwiżizzjonat jixtieq li jieħu pussess tal-bini għall-użu tiegħu innifsu jew għall-użu ta' xi ħadd tal-familja tiegħu ma titqiesx fiha nfisha bħala tbatija ta' konsegwenza ħarxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu*."

**23.** Fil-fehma ta' din il-Qorti liġi ma tistax tkun aktar umiljanti minn hekk meta għandek sitwazzjoni fejn l-anqas ma tista' takkomoda lil uliedek f'post li jkun tiegħek minn barrani li inti qatt ma daħħalt u lanqas ridt taċċetta. Ta' l-inqas Artikolu 9(b) tal-Kap 69 jippermetti, anke jekk b'ċertu diffikultajiet, lis-sid li jkun kera bil-kunsens (mhux bħal każ odjern), jista' jitlob li jieħu lura l-post tiegħu jekk "*irid id-dar ta' abitazzjoni għal skop ta' abitazzjoni tiegħu nnifsu jew għal ta' kwalunkwe mill-axxendenti jew dixxendenti tiegħu, kemm jekk mid-demm jew bi żwieġ, u l-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej għandu dar oħra fejn joqgħod, b'titolu ta' proprjetà, li tkun raġonevolment tgħodd għall-mezzi tal-kerrej u tal-familja tiegħu għal dak li hu daqs u stat ta' manutenzjoni, u li tkun qrib għax-xogħol tiegħu (jekk ikun jaħdem*)".

**24.** Dan l-artikolu ġie wkoll rifless f'Artikolu 12 C tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta iżda oħroġ il-għaġeb, mhux biss ma ġiex hekk rifless fil-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta iżda addirittura din il-possibilita` qed tkun eskluża aprioristikament! Jekk fil-każ taż-żewġ liġijiet l-oħrajn ġie persistentement dikjarat minn dawn il-Qrati u anke dik Ewropeja li dawn jiksru id-dritt fundamentali tal-bniedem kif imħares minn Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, mela kemm aktar qiegħed jinkiser dan id-dritt fundamentali bil-Kap 125 tal-Liġijiet ta' Malta.

**25.** Fit-tieni eċċezzjoni sollevata minnhom rispettivament, l-intimat Avukat tal-Istat u l-Awtoritá intimata jeżiġu li r-rikorrenti jipprovaw it-titolu tagħhom. Dawn il-provi ġew provduti mir-rikorrenti bil-preżentata tad-dokumenti esebiti ta' provenjenza. F'dan ir-rigward kif ġie kemm il-darba ritenut, il-prova tat-titolu ma hijiex sine qua non sabiex tirnexxi azzjoni ta' indole kostituzzjonali u/jew konvenzjonali bħal ma hi azzjoni ta' rivendika:

"*Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika.*" (Ara **Kost. 27.3.2015 fil-kawża fl-ismijiet Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et**).

"*Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor.*

*Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.*" (Ara **Robert Galea vs Avukat Ġenerali et (mhux appellata), Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 7 ta' Frar 2017**).

**26.** Aktar minn hekk, ma hemm l-ebda ħtieġa li sabiex tirnexxi azzjoni bħal din ir-rikorrenti jridu neċċessarjament jkunu l-uniċi proprjetarji. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Edward Zammit Maempel et vs L-Awtoritá tad-Djar et datata 18 ta' Lulju 2014**, "*anki dato non concesso hemm proprjetarji ohra, xorta wahda r-rikorrenti bhala proprjetarji ghandhom id-dritt li jagixxu gudizzjarjament sabiex jissalvagwardjaw linteressi taghhom billi jattakkaw l-ordni tar-rekwizizzjoni li ghadha fis-sehh fuq proprjeta` taghhom*."

**27.** Din il-Qorti hija konvinta li mill-provi li ġew imressqa r-rikorrenti għandhom titolu tajjeb għal fini ta' din il-proċedura. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet ser ikunu miċħuda.

**28.** Bl-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-Avukat tal-Istat talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju sa fejn l-ilment tal-intimata Awtorita'. Issa r-rikors tar-Rikorrenti huwa msejjes kontra Ordni ta' Rekwiżizzjoni. Jiġi rilevat f'dan ir-rigward li l-Awtoritá ħarġet l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni skont is-setgħa mogħtija bil-Kap. 125.

**29.** Għaldaqstant b'din l-azzjoni r-rikorrenti qegħdin effettivament jattakkaw il-liġi nnifisha li tat din is-setgħa lill-Awtoritá intimata u mhux għemilha. Japplika għalhekk id-dispost tal-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement l-intimat Avukat tal-Istat għandu jwieġeb għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti flimkien mal-Awtoritá Intimata li effettivament ħarġet l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni anke jekk din ulterjorament tneħħiet, għaliex fl-aħħar mill-aħħar l-awtorita' li tinħareġ din l-ordni kienet vestita fl-Awtorita' intimata.

**30.** Il-Qorti tirrileva li fil-każ in eżami l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni nħarġet fl-1 ta' Awwissu 1972 u baqgħet tippersisti sakemm ġiet mitmuma bl-Ordni ta' derekwiżizzjoni li nħarġet fid-7 ta' Awwissu 2019. Għaldaqstant l-Ordni in kwistjoni baqgħet effettiva għal perjodu li jmur oltre l-*cut-off date* stabbilita fl-artikolu 7 tal-Kap. 319, ossia t-30 ta' April 1987 (Ara a' fol 55). Isegwi li l-Ordni ta' rekwiżizzjoni lamentat mir-rikorrenti m'għandhiex tiġi eskluża mill-iskrutinju tal-Qorti taħt l-istess Kap. 319. Anzi għandha deċiżament issib applikazzjoni fil-Konvenzjoni.

**31.** Issa fis-*Sentenza Alexander Xuereb et vs Vincent Kiomall et, deċiża fis-17 ta' Frar 2022* intqal li "*ir-relazzjoni maħluqa taħt il-Kap 125 hija saħansitra pożittivament eskluża milli qatt tista' tikkwalfika bħal kirja ai termini tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta f'kaz ta' rekwizizzjoni. Iżda din il-Qorti ma tistax għalhekk tqis li kif titneħħa r-rekwizizzjoni tinħoloq kirja fis-sens kif trid id-definizzjoni ta' kirja fis-sens kif irid l-artikolu 44 tal-Kap 69*

*għaliex li kieku kien hekk il-liġi mill-ewwel kienet tqis ir-rekwiżizzjoni bħala kirja imposta fuq is-sid mill-ewwel. Dan qiegħed jingħad minkejja dak li jiddisponi l-artikolu 9 [recte 8] (6) tal-Kap 125. Għalhekk, fid-dawl anke li r-rekwiżizzjoni fiha nnifisha hija relazzjoni sui generis, din il-Qorti ma tistax tara li dak li jinħoloq bejn is-sid u l-okkupant wara li toħrog ordni ta' derekwizizzjoni takkwista l-libsa legali daqs li kieku kien hemm kirja mill-jum li l-fond ma baqax fil-pussess tas-sid b'effett tar-rekwizizzjoni".*

**32.** Jirrisulta li fis-7 ta' Awwissu 2019 ħarget ordni ta' derekwiżizzjoni (a' fol 56). Pero' qabel ir-rikorrenti kienu diga' bdew jirċievu l-kera bl-ewwel waħda fil-11 ta' Mejju 1992. Dan ifisser li minn dak in-nhar 'l quddiem inħolqot kirja abbażi tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta. Għalhekk huwa minn dik id-data li l-Awtorita intimata ma kienx għadha fil-pussess għalkemm l-ordni ta' rekwiżizzjoni kienet għadha fis-seħħ. Dan għalhekk isaħħaħ il-fehma tal-Qorti, li l-intimata Awtorita' għandha tibqa' fil-ġudizzju għal perjodu bejn meta ħarġet l-ordni u meta s-sidien irrikonoxxew lill-inkwilina u kif ukoll minn meta inħolqot din il-kirja sakemm kien għad hemm l-ordni fis-seħħ sakemm li tneħħiet fl-2019.

**33.** Fl-evalwazzjoni tad-dannu pekunjarju dovut lir-rikorrenti bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetá tiegħu, l-**QEBD fil-kawża Cauchi -vs- Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetá matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li

jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEBD nnotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja.

**34.** Il-QEBD madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta battiet. F'dan l-isfond il-QEBD qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzji jitnaqqsu b'madwar 30% abbażi ta' dak l-għan leġittimu. Il-QEBD żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.

**35.** Il-QEBD aċċettat ukoll li l-proprjetá, kieku ma kienetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta' riċentement. Il-QEBD għaldaqstant qieset bħala aċċettabbli li jitqies li t-telf attwali kien inqas minn dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

**36.** Magħdud dan, il-QEBD qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan ir-rigward, il-QEBD rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEBD kkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali,

liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu.

**37.** Fl-aħħar nett, il-QEBD tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ma dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interess.

**38.** Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ waslet għall-konklużjoni li kumpens ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) ikun adegwat u ġust.

**39.** Fl-aħħar nett din il-Qorti ma tistax tifhem għaliex fit-tieni talba tar-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkanċellaw l-effetti kollha tar-rekwiżizzjoni relattiva. Din il-Qorti tfakkar li l-ordni tneħħiet u ma hiex ser tagħmel dak mitlub għaliex kif dejjem sostniet din il-Qorti l-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-kirja ma tispettax lilha iżda lit-Tribunal kompetenti maħluq appositament għalhekk.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-Avukat tal-Istat.

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-intimata Awtorita'.

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti limitatament sa fejn hemm leżjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tiċħadha inkwantu tirrigwarda l-protezzjoni taħt artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Tilqa' it-tieni talba rikorrenti limitatament** sa fejn hemm leżjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tiċħadha inkwantu jirrigwarda il-protezzjoni taħt artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tiċħadha ukoll inkwantu qed jintalab li din il-Qorti tordna t-terminazzjoni tal-kirja u dan għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa' it-tielet, ir-raba' u ħames talbiet rikorrenti** u tiddikjara li l-intimat Avukat u l-intimata Awtorita' ugwalment reponsabbli għall-ħlas ta' danni fil-konfront tar-rikorrenti u fil-waqt li qed tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000), tikkundanna lill-intimati sabiex solidalment iħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża a' karigu tal-intimati bejniethom.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**